MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 1731/2000/1

**Debattista Mary mart Calcidon u ghal kwalsiasi interess li jista' jkollu zewgha Debattista Calcidon**

**v.**

**1. Gauci Carmelo sive Gauci Charles**
**2. Ciappara Sonia mart John Mary sive Ciappara Debattista Sonia**
**3. Elizabeth sive Liz Gauci, mart il-konvenut Carmelo sive Charles Gauci ghal kull interess li jista' jkollha**
**4. Ciappara John Mary sive Ciappara Jesmond ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Carmelo sive Charles Gauci minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Mejju 2008 li ddecidiet li l-konvenut Carmelo sive Charles Gauci kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni li fih korriet l-attrici, illikwidat id-danni fis-somma ta' tmint elef, hames mija u tlieta u hamsin Ewro (€8,553) (Lm3,671) u kkundannatu jhallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez tat-talbiet attrici li gew milqugha a karigu tal-konvenut Carmelo Gauci, b'dan li l-ispejjez tat-talbiet l-ohra mhux milqugha u l-ispejjez tal-konvenuti l-ohra ghandhom jibqghu a karigu tal-istess atturi. L-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici jew cahdithom fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

L-atturi (illum appellati) kienu pprezentaw citazzjoni fejn talbu li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbili ghall-incident li gara fil-10 ta' April 1999 gewwa B'Kara li fih weggghet gravement l-attrici Mary Debattista, li jigu likwidati d-danni u li konsegwentement il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu d-danni hekk likwidati.

Il-konvenuti Elizabeth Gauci u John Mary Ciappara wiegbu li huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress illi d-danni reklamati mill-allegat incident ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Ciappara u Gauci, u dan ai termini tal-Artikolu 1327(f) tal-Kap. 16.

Il-konvenuti Carmelo Gauci u Sonia Ciappara pprezentaw nota tal-eccezzjoniiet fejn eccepew li huma ma kienux responsabbili ghal incident in kwistjoni u li l-attrici ma sofriet ebda dizabilita` permanenti kif qed tallega fic-citazzjoni ghalhekk m'humiex responsabbili ghad-danni li qed titlob.

**Sentenza tal-ewwel Qorti**

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha li filwaqt li astjeniiet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Elizabeth Gauci, u filwaqt li cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Sonia Ciappara u John Mary Ciappara, cahdet it-tielet, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa', it-tnax, u tlettax-il talba attrici, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-hdax-il talba *stante* li din hija nkluza fit-tieni talba attrici, u laqghet biss l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames, it-tmien u l-ghaxar talba attrici biss fil-konfront tal-konvenut Carmelo Gauci. Fis-sentenza, wara li l-Qorti ghamlet ezami tax-xhieda prodotta, ikkunsidrat hekk:

"Illi dwar il-kwistjoni ta' responsabbilita` l-verzjoni tal-konvenut Carmelo Gauci hija dik indikata minnu fl-affidavit datat 2 ta' Dicembru 2004 fejn jghid dakinhar kien niezel mill-*flat* tieghu u sab lill-attrici u Jesmond Ciappara fil-bieb ta' barra tal-*flat* u qal li ma setax jghaddi bihom u jghid li dar fuqu Jesmond Ciappara u tah daqqa ta' ponn u qabzet fuqu l-attrici u hass difrejha f'ghonqu u jghid li dan jidher car mir-ritratti Dok. "CG 1" sa Dok. "CG 2" u jghid li dawn baqghu ituh sa barra sakemm harget Sonia Ciappara u Alfred Muscat sabiex iwaqqafhom. Jghid li l-istess attrici qatt ma dehret wara l-incident li kellha xi haga tant li kien jaraha spiss minghajr faxxex u l-istess tghid Sonia Ciappara fl-affidavit taghha tat-2 ta' Dicembru 2004.
"Illi din il-Qorti thoss li din il-verzjoni tal-konvenut ma tistax tigi accettata u dan *stante* li l-istess giet kontradetta minn diversi xhieda prodotti mill-istess attrici u din il-Qorti thoss li fil-kuntest tal-provi kollha prodotti l-verzjoni attrici giet effettivament ippruvata limitatament fil-konfront tal-konvenut Carmelo Gauci u dan peress li fuq kollox jirrizulta ppruvat li l-istess attrici sofriet l-istess griehi f'idejha kawza tal-aggressjoni tal-istess konvenut; f'dan il-kuntest jinghad, li wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha ta' din il-kawza ma thossx li tista' tigi accettata t-tezi tal-konvenut li huwa bl-ebda mod ma kellu kuntatt mal-attrici – anzi jirrizulta mix-xhieda prodotti mill-istess attrici, li kuntatt kien hemm bejn il-konvenut u l-istess attrici u Jesmond Ciappara, u din il-Qorti ma thossx li tista' tghid li mill-atti processwali attwali, l-konvenut b'xi mod xejjen il-provi prodotti mill-attrici, iktar u iktar meta x-xhieda tal-konvenut Carmelo Gauci ma jirrizultax li giet ippruvata.

“Illi f’dan is-sens din il-Qorti thoss li l-atti processwali jindikaw li kien l-agir tal-konvenut Charles Gauci li kkawza dannu fuq il-persuna tal-attrici u fl-istess sens jirrizulta ppruvat mill-attrici stess li l-konvenut biss ghandu jinzamm responsabbli ghall-istess, anke ghaliex ir-ritratti esebiti la jindikaw li l-istess griehi fuq il-konvenut saru mill-attrici u lanqas jippruvaw li f’dak il-mument l-attrici ma kienitx gja` sofriet il-hsara f’idejha l-leminija. Fuq kollox il-provi kollha l-ohra juru li kien il-konvenut li aggredixxa lill-istess Jesmond Ciappara, u wkoll li kien l-istess konvenut li refa’ idejh fuq l-attrici bil-mod kif indikat, u dan huwa kompatibbli wkoll max-xhieda tal-persuni medici u wkoll l-espert mediku li gie mqabbad mill-Qorti, fejn jirrizulta li l-hsara li sofriet l-istess attrici f’idejha hija kompatibbli ma’ dak allegat minnha f’din il-kawza. Dan gie kkonfermat mill-istess espert mediku fl-eskussjoni tieghu datata 13 ta’ Marzu 2007 (fol. 586).

“Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 29 ta’ Mejju 2001 fejn il-konvenuti, hemm l-imputati ma gewx misjuba hatjin tal-akkuzi hemm migjuba kontra taghhom, izda apparti li hemm separazzjoni netta fil-ligi nostrali bejn l-kamp kriminali u l-kamp civili, din il-Qorti thoss li hija, kif obbligata mil-ligi, qed tibbazza l-konkluzjonijiet taghha limitatament fuq il-provi prodotti f’din il-kawza, u jinghad ukoll li f’dan il-kuntest il-grad ta’ prova f’kawza civili u wkoll differenti mill-grad ta’ prova f’kawza kriminali u fil-fatt iz-zewg processi huma ben separati u distinti minn xulxin.

“Illi ghalhekk il-konvenut Carmelo Gauci qed jinzamm responsabbli ghad-danni kkawzati lill-attrici fl-incident imsemmi li ghalih huwa kien unikament responsabbli; fl-istess waqt qed tigi liberata minn kull responsabbilta` fir-rigward tal-attrici l-konvenuta Sonia Ciappara u dan peress li hija fil-fatt l-attrici stess li teskludi r-responsabbilta` tal-istess permezz tal-14-il paragrafu tal-affidavit taghha fejn hija tghid li l-istess konvenuta ma kienitx involuta (fol. 17) u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Sonia Ciappara qed jigu michuda. Il-konvenuti l-ohra ma jirrizultax li kienu nvoluti f’dan l-

incident u l-konvenuta Elizabeth Gauci ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni li ser jigu likwidati ghall-istess incident, u dan peress li anke jekk biss dak iz-zmien kienet separata *de facto* mill-konvenut Carmelo Gauci, l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom ma hijiex tenuta li taghmel tajjeb ghall-istess danni, u dan peress li l-istess danni huma naxxenti minn att li jikkostitwixxi reat u ghalhekk hemm l-applikazzjoni tal-**Artikolu 1327(f) tal-Kap. 16** fil-konfront tal-istess konvenuta Elizabeth Gauci. Fi kwalunkwe kaz jidher li b'verbal datat 18 ta' Gunju 2003 l-attrici cediet l-atti l-kawza fil-konfront ta' Elizabeth Gauci."

Dwar il-kwistjoni tad-danni l-ewwel Qorti kkonsidrat kif gej:

"Illi dwar l-ammont ta' dizabbilita` permanenti sofferta mill-istess attrici skond ir-rapport ta' Mr. Frederick Zammit Maempel huwa dak ta' 12% (fol. 558) u dan wara li kkonstata dak inidikat minnu fl-istess rapport fis-sens li l-erba' swaba tal-id il-leminija kienu kollha normali ghall-kollox, izda sab li l-istess attrici garbet *soft tissue injury* tal-gog metakarpo-falangew tas-sebgha l-kbir ta' idha dominanti leminija u li minkejja saritilha operazzjoni biex il-ligamenti u l-*capsule* jigu mehjuta, xorta wahda s-sebgha baqa' jperper u spicca kellu jigi stabbilizzat billi l-gog tnehha u z-zewg ghadmiet gew imwahhlin flimkien, u jidher li meta giet ezaminta erba' snin wara l-operazzjoni l-ghadam ghaqad sewwa u minghajr kumplikazzjoni, ghalkemm in-nerv digitali medjali tal-istess kien trawmatizzat u l-attrici ma thossx il-genb ta' gewwa sewwa.

"Illi l-konkluzjoni kienet li hemm nuqqas ta' moviment fil-gog metakarpo-falangew tas-sebgha l-kbir ta' idha dominanti leminija u dan itellef xi ftit fil-funzjoni tal-id, pero` dan ma jfissirx li l-attrici ma hija kapaci taghmel xejn, u dan peress li s-sebgha gie mqieghed fil-pozizzjoni funzjonali tieghu u ghalhekk l-id kapaci ghal ghemil kemm ta' qris kif ukoll ta' ponn (*pinch and power grip*) izda b'sahha mnaqqsa. In-nuqqas ta' *"forearm muscle wasting"* huwa xhieda li dan id-driegh m'huwiex imwarrab fil-hajja

ta' kuljum taghha. In-nuqqas fin-nerv huwa permanenti u m'huwiex mistenni li jidbiddel fil-futur u ghalhekk sostna li l-istess attrici ghandha dizabbilita` permanenti ta' 12%.

"Illi saru domandi u sottomissjonijiet fis-sens li kieku l-interventi li l-attrici kellha bzonn saru qabel il-grad ta' dizabbilita` kien ikun inqas izda l-perit mediku nominat mill-Qorti ma qabilx ma' dan u dan kif jirrizulta mir-risposta ghas-6 domanda in eskussjoni (fol. 387); kompla jghid ukoll li l-ugiegh u t-tul ta' zmien sabiex l-ugieh icedi ma ghandu x'jaqsam xejn ma' xi dewmien ta' zmien biex saru interventi kirurgici ghalkemm jista' jkun affettwat b'dak li jissejjah bhala *"unconscious blockage of the natural recovery*" kif spjegat fir-risposta ghas-7 domanda in eskussjoni (fol. 387); jirrizulta li l-istess espert mediku qal li ma jistax wiehed jindovina xjentifikament kemm tista' tirnexxi operazzjoni li ssir wara ftit jiem, u li fl-ahhar nett l-istima tad-dizabbilita` kienet ibbazata fuq nuqqas ta' moviment komplet fil-gog tal-MC-P, nuqqas ta' moviment fil-gog IP tas-sebgha l-kbir lemin u fuq in-nuqqas ta' sensazzjoni tad-*digital nerve medjali* tas-sebgha l-kbir u l-ebda wahda minn dawn ma taghmel parti mill-*carpal tunnel syndrome* li ma dahlitx fl-istima tar-rata ta' dizabbilita` u fl-eskussjoni ulterjuri li saritlu, l-istess espert mediku kkonferma l-istess kif jidher a fol. 609 tal-process anke permezz ta' dak li huwa ndika bhala skala kontinentali (Dok. "FZM").

"Illi jirrizulta wkoll mill-eskussjoni ulterjuri li saret lill-istess perit mediku li peress li effettivament ladarba l-ewwel intervent kirurgiku sehh biss wara cirka xahrejn minn meta l-attrici wegghet idejha u mhux qabel,  kien hemm probbabilta` li dan il-persentagg ta' dizabbilita` kien jonqos u izda dan biss fil-kaz kieku l-attrici kellha *complete tear* tal-*ligament* u dan ghaliex kieku s-sebgha kien iperper mill-ewwel; izda ma jirrizultax li dan kien il-kaz u l-attrici qatt ma lmentat minn dan, b'dan allura  li jirrizulta li l-ligament inqata' kollu biss wara, ghaliex ghall-ewwel l-istess attrici kellha biss *partial tear* u l-hsara grat iktar tard u dan sehh minkejja li l-istess sebgha kien marbut jew *bandaged* u ghalhekk hija kienet qed tiehu kura sabiex hsara ulterjuri ma ssehhx (fol. 619).

“Illi tenut kont tal-fatt li allura l-istess perit mediku kkonsidra li seta’ jkun hemm tnaqqis fil-persentagg minnu moghti biss fil-kaz li kieku l-attrici kienet sofriet *tear* kompleta tal-istess ligamenti u b’hekk subajha kien iperper, haga li ma rrizultatx mill-provi, (u dan jispjegah kemm a fol. 607 u fol. 616 tal-process fl-eskussjonijiet tieghu nkluza dik tal-1 ta’ Ottubru 2007), b’hekk din il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq dizabbilita` permanenti ta’ tnax fil-mija (12%) stabbilita mill-istess Perit Mediku Mr. Frederick Zammit Maempel.

“Illi l-attrici kienet mara tad-dar u fis-sena 1999 hija kellha 49 sena u l-*minimium wage* ta’ dak iz-zmien kienet ta’ €110.37 (Lm47.38) u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-*multipland* din il-Qorti ser taddotta bhala bazi ta’ somma fuq f’hiex ghandha tinhadem is-somma dovuta lill-attrici fl-ammont ta’ €121.13 (Lm52) u ghandu jigi applikat *multiplier* ta’ hdax-il sena (11) u ghalhekk l-ammont dovut lill-attrici huwa s-segwenti:-

€121.13 x 52 x 11 x 12% = €8,316.
(Lm52 x 52 x 11 x 12% = (Lm3,569)).

“Illi m’ghandu jsir l-ebda nuqqas ghal-*lump sum payment* u dan peress li l-incident sehh fis-sena 1999.

“Illi rigwardanti spejjez li l-istess attrici ghamlet jirrizulta li hemm ricevuti medici ta’ €27.95 (Lm12)-il wiehed a fol. 254, 256, 258, 270, 275 u 278 u ta’ €23.29 (Lm10) a fol. 259, 261, 262 u dan jammonta ghal €237.60 (Lm102). B’kollox ghalhekk l-istess attrici hija intitolata €8,553.13 (Lm3,671).

“Illi saret talba wkoll ghas-sottomissjoni li peress li l-attrici ma setghetx iddur ma’ ommha hija thallas is-somma ta’ €11.65 (Lm5) fil-gimgha lill-Anna Mallia izda din il-Qorti thoss li dan ma jirriflettix danni attwalment sofferti mill-attrici u dan apparti li ma hemm prova ta’ xejn dwar dan u d-dikjarazzjoni f’dan is-sens ta’ Anna Mallia lanqas hija kredibbli.

“Illi l-istess attrici sostniet li kien hemm it-telf tax-xoghol tat-tifla Charlene u dan ghaliex l-istess kienet kostretta tghina, izda dawn ma humiex danni tal-attrici. Jinghad ukoll li l-attrici qalet ukoll li Jesmond jaghti lill-Charlene €46.59 (Lm20) sabiex tehodlu hsieb it-tfal tieghu u dawn certament ma humiex lanqas danni li jispettaw lilha.

“Illi s-sottomissjonijiet l-ohra *da parte* tal-atturi m’humiex sostenibbli u ghalhekk din il-Qorti **tilqa’ biss l-ewwel, it-tieni, ir-raba’, il-hames, it-tmien u l-ghaxar talba attrici** fil-konfront tal-konvenut Carmelo Gauci u dan fis-sens hawn deciz u fl-ammont ta’ tmint elef, hames mija u tlieta u hamsin Ewro (€8,553) (Lm3,671).”

**Appell tal-konvenut Carmelo sive Charles Gauci**

Il-konvenut Carmelo sive Charles Gauci hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha fejn ressaq diversi aggravji u talab li din il-Qorti filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet it-tielet, is-sitt, is-seba, it-tmien, id-disa’, it-tnax u tlettax-il talba attrici, tvarjaha u tibdilha billi tichad ukoll l-ewwel, it-tieni, ir-raba’, il-hames, it-tmien u l-ghaxar talba, u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Fil-qosor l-aggravji tal-konvenut jikkonsistu f’li gej:

“L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tikkonkludi, mill-provi migjuba quddiemha, illi mid-dinamika tal-incident kif sehh, kien l-appellant li kkaguna l-griehi sofferti mill-attrici appellata. Kien hemm diversi fatturi f’din il-glieda li setghu wasslu ghall-ferita li sofriet l-attrici, inkluz il-fatt li hija ggranfat ma’ ghonq il-konvenut Charles Gauci. Il-verzjoni tal-attrici m’hijiex daqshekk kredibbili ghax kieku kif tispjega li l-fatt li ghalkemm tghid li hi weggghet meta Charles Gauci waddabha t-tarag, hija stess qamet u marret tigbed lil Charles minn ma’ Jesmond Ciappara.

“It-tieni aggravju huwa li jekk din il-Qorti tikkonferma r-responsabilita` tal-konvenut appellant, l-ewwel Qorti stess

ghamlet apprezzament zbaljat tar-rapporti u x-xhieda tal-periti medici fir-rigward tal-griehi u l-percentwali tad-dizabilita` sofferti mill-attrici. L-appellant jissottometti li hu la jahti jekk it-tobba ma rrealizzawx li kien hemm bzonn ta' intervent mediku u lanqas jekk il-gog kellu jigi ssaldjat jew le ghax ma rnexxietx l-ewwel operazzjoni. Ghalhekk il-percentwali ta' dizabilita` li allegatament sofriet l-attrici ma jistax jigi attribwit lill-konvenut appellant, u fi kwalunkwe kaz, il-perit mediku mqabbad mill-Qorti stess pprovda bosta attenwanti li zgur kellhom jimmilitaw favur il-konvenut appellant."

**Risposta ta' atturi appellati**

L-atturi appellati pprezentaw ir-risposta taghhom fil-11 ta' Gunju 2008 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**Verbal**

Illi b'verbal tad-19 ta' April 2010 quddiemha din il-Qorti, Dr. Emy Bezzina ghall-atturi appellati, iddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li r-risposta tal-atturi appellati ghar-rikors tal-appell ma fiha ebda appell incidentali, u li kwalsiasi espressjoni jew kliem uzati f'dik ir-risposta li setghu incidentalment taw wiehed x'jifhem li kien qed isir appell incidentali huwa biss rizultat ta' espressjoni mhux korretta. Il-verbal ikompli: "Dr. Emy Bezzina jtenni li l-klienti tieghu ma ghamlu ebda appell incidentali."
Mill-bqija, fir-risposta taghhom l-atturi appellati jitolbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**Risposta tal-konvenuta Sonia Ciappara**

Il-konvenuta Sonia Ciappara wiegbet li t-tort tal-incident *de quo* ma kienx tal-appellant Charles Gauci. Fit-tieni lok, tissottometti li jekk tigi kkonfermata r-responsabilita` tal-appellant, ghandu jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, u li fi kwalunkwe kaz

waslet għall-konkluzjonijiet zbaljati dwar il-percentwali ta' dizabilita` tal-attrici.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Responsabilita`**

Fl-ewwel aggravju l-konvenut jissottometti li huwa mhux responsabbli li kkaguna l-griehi sofferti mill-attrici appellata billi kien hemm diversi fatturi f'din il-glieda li setghu wasslu ghall-ferita li sofriet l-attrici, inkluz il-fatt li hija ggranfat ma' ghonqu. Lanqas ma hu verosimili li l-attrici weggghet meta allegatament huwa waddabha t-tarag, meta hija imbaghad kienet kapaci tigbdu minn ma' Jesmond u anke tiggranfah.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-konvenut li hu bl-ebda mod ma miss l-attrici u lill-Jesmond Ciappara ma tistax tigi accettata billi hija kontradetta mid-diversi xhieda prodotti mill-attrici, u l-provi mressqa mill-konvenut ma rnexxilhomx ixejnu l-verzjoni attrici. L-attrici sofriet l-istess griehi f'idejha kawza tal-aggressjoni tal-konvenut u rrizulta li kien hemm kuntatt bejn il-konvenut u l-attrici u Jesmond Ciappara.

Din il-Qorti regghet ezaminat ix-xhieda prodotta mill-attrici quddiem l-ewwel Qorti u hi tal-ferma konvinzjoni li l-verzjoni tal-konvenut li huwa gie aggredit minn Jesmond Ciappara u mill-attrici u li hu ma kienx misshom, ma tistax tigi accettata. Apparti x-xhieda tal-attrici, hemm ukoll f'dan il-kaz ix-xhieda ta' Jesmond Ciappara, Georgia Muscat u Anna Mallia, li lkoll kienu prezenti meta gara l-incident u setghu jikkonfermaw li dakinhar huma raw lil konvenut jaghti daqqa ta' ponn lil Jesmond Ciappara meta dan kien tiela t-tarag ma' l-attrici, kif ukoll ikkonfermaw li meta l-attrici marret biex izzomm lill-konvenut milli jkompli jaghti lill-Ciappara, il-konvenut hataf idejn il-leminija tal-attrici, ghawwigielha u tefaghha l-erba' targiet 'l isfel ghal mal-bieb tal-*aluminium* fejn bdiet tibki u tghajjat bl-ugigh f'subajgha. Il-glieda bejn il-konvenut Ciappara kompliet barra fit-triq fuq il-bankina hdejn ix-*showroom* tal-karozzi tal-konvenut, u l-attrici kienet qed tipprova tnehhi lill-

konvenut minn fuq Jesmond Ciappara, sakemm intervenew ohrajn li waqqfu l-glieda.
Il-konvenut xehed li l-attrici setghet weggghet meta hija kienet qeghda tiggranfa ma' ghonqu ghall-perjodu relattivament twil u rrefera ghar-ritratti esebiti a fol. 483 sa 486 biex jikkonferma dak li qed jghid. L-attrici tghid li hija weggghet subajghha meta l-konvenut ghawgilha jdejha u waddabha t-tarag 'l isfel u habtet mal-bieb u mhux meta l-glieda kompliet barra u hi marret biex tifred lill-konvenut minn ma' Ciappara. Fil-fehma tal-Qorti r-ritratti esebiti mill-konvenut ma jippruvawx li fil-mument li l-attrici kienet qed izomm lill-konvenut barra u anke girfitu, hi ma kienitx ghada sofriet il-hsara f'idejha l-leminija. Anke kieku, f'dak il-mument l-attrici kienet ghada ma rrealizzatx il-portata tal-feriti li garrbet u kemm kienet weggghet. Inoltre l-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed l-espert tal-Qorti, Mr. Zammit Maempel, fejn qal b'risposta ghad-domanda numru 2 li saritu mill-konvenut (a fol. 586 tal-process) li huwa improbabbili li l-attrici ccarrat il-*ligament* ta' sebgha billi tkompli taghfas, ghax l-ugigh meta tibda ggebbed il-*ligament* igieghlek terhi l-*grip*.

Ghalhekk il-provi juru li kien il-konvenut li aggredixxa lil Jesmond Ciappara u refa' idejh fuq l-attrici b'mod li kkawzalha l-hsara li hija sofriet.

**Danni**

L-appellant jillanja li hu ma jahtix jekk it-tobba ma rrealizzawx li kien hemm bzonn ta' intervent mediku immedjat fuq l-attrici meta din korriet f'dan l-incident.
Mill-provi prodotti jirrizulta li Dr. M. Mallia li kien l-ewwel tabib li ezamina l-attrici ezatt wara l-incident, kien sab li l-attrici kienet qed tbati minn ferita hafifa salv kumplikazzjonijiet u li ma kienx hemm ksur, u dan wara li hadilha X-Ray. L-attrici izda baqghet mugugha ghalhekk marret l-Isptar San Luqa fejn qalulha li ma kellhiex ksur, u dan wara li hadilha X-Ray. L-attrici pero` xorta wahda baqghet bl-ugigh u ghalhekk marret il-Poliklinika tal-Mosta. Hemmhekk isuggerewlha li tmur ghand specjalista. Billi l-appuntament l-Isptar kien se jiehu z-zmien, l-attrici marret privatament ghand Mr. C. Sciberras li sab li l-attrici

kellha zewg *ligaments* maqtugha ta' subajha u qalilha li kellha bzonn operazzjoni, li fil-fatt saritilha wara xi granet.

Mr. C. Sciberras xehed li l-attrici kellha *ligament* ta' wahda mill-gogi ta' subajha l-kbir maqtguh (ara fol. 367). Hu jkompli jghid li kienu diga` ghaddew sitt gimghat mill-incident meta ra l-attrici u ghalhekk f'dak l-istadju dak li seta' jaghmel kien li jigbor dak seta' (ara fol. 367). Mistoqsi jekk kieku l-attrici marret qabel ghandu l-hsara kienitx tkun anqas, hu wiegeb li probabilment, iva, izda mhux bilfors ghax anke kieku hiet il-*ligament* akkuratament, mhux dejjem kien se jkollok ir-rizultat mixtieq (ara fol. 368). Hu xehed hekk:

*"Jiena nghid illi kieku m'ghaddewx dawk is-six weeks, kieku ghamiltha akuta din, kieku kien ikolli cans hafna ahjar li tigi tajba ghal kollox, u ma kienx hemm bzonn tat-tieni intervent ukoll, probabilment kieku giet mehjuta mall-ewwel kif kienet ghadha friska, biex nghid hekk. Imma anke dik mhux bilfors naghtu garanzija ahna mija fil-mija li tigi tajba ghal kollox. X'aktarx iva, kienet tigi tajba ghal kollox, imma ma nistax nghid ''Zgur kienet tigi tajba ghal kollox'. Ghax fil-kirurgija ma hemm xejn assolut. Ma hemm xejn mija fil-mija." (* ara fol. 371)

L-istess qal l-espert nominat mill-Qorti Mr. Frederick Zammit Maempel (a fol. 588) fejn jghid:

"*Anke jekk wiehed jistabilixxi li kien hemm dewmien bla raguni, kif jista' wiehed jindovina xjentifikament u akkuratament kemm kienet tirnexxi operazzjoni maghmula jiem wara l-incident?".*

It-tobba gew mistoqsija mid-difensur tal-konvenut jekk operazzjoni ghal qtugh totali (*complete tear*) ta' *ligament* ghandha cans akbar ta' success kieku saret aktar kmieni minn tard, huma wiegbu li f'dan il-kaz jidher li ma kienx hemm il-*complete tear* ezatt ma' l-incident[1], u fit-tieni lok

[1] Mr. F. Zammit Maempel xehed a fol. 588 "Hemm possibilita` sostanzjali li fil-kaz ta' Debattista l-ligamenti ccartu ghal kollox tard, ghaliex semmiet

qatt ma tista' tghid fic-cert li operazzjoni se tkun success mija fil-mija.

Mr. Sciberras gie mistoqsi jekk kienx hemm nuqqas da parti tal-attrici f'dan il-kaz, u hu wiegeb li:

*"Le, hi kienet marret l-Isptar, imma din mhix haga li tiddjanostikaha malajr. Anke tabib li mhux ta' certa esperjenza jista' jimmissjaha l-haga. And I think it could happen. Nahseb li hekk gara" (fol. 368).*

*"Barra minn hekk, setghet kienet mugugha hafna hi, u ma setghetx tigi ezaminata idejha tlett gimghat wara. Ma nafx x'gara, imma xi haga gara zgur. Imma minn naha l-ohra it is a miss, hafna drabi tigi mmissjata; mhux l-ewwel darba li rajt dawn il-kazi jigu mmissjati" (fol. 369).*

L-istess haga qal l-espert Mr. Frederick Zammit Maempel a fol. 620 fejn wiegeb li anke tobba li jkollhom certa esperjenza jistghu jimmissjaw din l-*injury* ghax ma jkunux hasbu fuqha u trid tezaminaha b'mod li "tiddistressja" is-sebgha imma dan ma tkunx tista' taghmlu dejjem ghax il-pazjent ikun mugugh.

Dwar it-tieni operazzjoni li saret fuq l-attrici, Mr. Sciberras xehed li din giet necessitata minhabba c-cirkostanzi u z-zmien li fiha saret l-ewwel operazzjoni. It-tieni operazzjoni ma rnexxietx ghal kollox fis-sens li l-ewwel operazzjoni kienet saret tard, izda rnexxiet fis-sens li l-ghadam ghaqad ghalkemm l-attrici baqghet mugugha billi l-*ligament* baqa' ftit merhi (ara fol. 370[2]).

---

ugiegh bhala ilment li tiftakar u ebda darba kmieni fl-istorja ma semmiet seba jpereper".

[2] Skond Mr. Zammit Maempel l-attrici kien ikollha aktar dizabilita` li kieku ma ghamlitx it-tieni operazzjoni (ara fol. 586, risposta ghad-domanda numru 3).

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attrici m'ghandha ebda tort jekk ma saritx djanjosi tajba mill-ewwel mit-tobba, u lanqas ma kienet ittraskurat jew aggravat il-ferita li hija garrbet ghax ma haditx hsiebha. Hija qaghdet fuq dak li qalulha t-tobba, marret kemm il-Poliklinika kif ukoll l-Isptar ghal kura u dan aktar minn darba u marret sahanistra privatament ghand specjalista meta rat li l-appuntament li tawha l-isptar kien gej fit-tul. Jirrizulta li l-attrici ma naqsitx li tikkonsulta diversi drabi t-tobba kif jirrizulta min-numru ta' certifikati esebiti u xhieda prodotta.

<u>Percentwali – attenwanti.</u>

L-appellant jillanja wkoll li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tar-rapporti u x-xhieda tal-periti medici fir-rigward tal-griehi u l-percentwali ta' dizabilita` sofferta mill-attrici. Hu jissottometti li ghalhekk il-percentwali ta' dizabilita` m'ghandhiex tigi attribwita lilu, jew almenu mhux kollha.

L-espert nominat mill-Qorti Mr. Zammit Maempel xehed f'dan ir-rigward li hu hadem fuq il-*Continental Scale of Disability* (ara dok FZM a fol. 622). Hu ta lill-attrici percentwali ta' dizabilita` ta' 12%. Il-percentwali hija bbazata fuq in-nuqqas ta' moviment komplet fil-gog tal-MC-P u nuqqas ta' moviment fil-gog IP tas-sebgha l-kbir tal-lemin u fuq in-nuqqas ta' sensazzjoni tad-*digital nerve* medjali tas-sebgha l-kbir (ara fol. 588 risposta ghad-domanda 10). Ghalhekk ghan-nerv digitali mejjet hu ta lill-attrici 3%; ghal gog interfalangali, li kellu terz nuqqas ta' moviment, taha 2% u tal-gog metakarpofalangali, li gie ssaldjat, taha 7%.  B'kollox din id-dizabbilita` kienet fil-percentwal ta' 12%.

Mr. C. Scberras, il-konsulent li opera lill-attrici, hareg certifikat b'dizabilita` ta' 7% (Dok MD1 fol. 378). Din il-percentwali hu stabbiliha in relazzjoni mal-funzjoni tal-gisem kollu (ara fol. 372). Hu xehed li huwa johrog il-percentwali ta' dizabilita` abbazi ta' skedi li ghandu u jara l-limitazzonijiet ta' xi jkun is-sebgha, ta' x'jaghmel u ma jaghmilx eccetera, u dan *"in view of the whole body"*, mhux *"in view of the whole hand, holistically",* jigifieri (ara fol. 372).

Il-Qorti taqbel ma’ l-opinjoni ta’ Mr. Sciberras fis-sens li fil-kaz tal-percentwali ta’ dizabilita` meta wiehed jikkomputa d-dizabilita` totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li multiplicita` ta’ feriti jigu komputati komplessivament. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti d-dizabilita` f’dan il-kaz ghandha tkun ta’ 7% kif indika Mr. Scberras u mhux 12%.

Din il-Qorti tirrileva li anke mir-risposti tat-tobba jidher li s-sitwazzjoni fattwali tal-attrici wara l-incident mhix kompletament bhal dik li qed tpingi l-attrici, li kwazi kwazi saret mija fil-mija dizabbili. Mr. Sciberras xehed li l-attrici tista’ tahdem sa certu punt u mhux li ma tistax tahdem xejn (ara fol. 372). L-istess jghid l-espert tal-Qorti, Mr. Fredrick Zammit Maempel, li qal li n-nuqqas tal-moviment fil-gog itellef xi ftit fil-funzjoni tal-id, pero` mhux daqstant li m’hi kapaci taghmel xejn (ara fol. 562 u fol. 587 risposta ghad-domanda numru 5). Dan l-espert anke jghid li l-attrici tista’ tkun li qed tigi affettwata b’dak li jissejjah bhala *“unconscious blockage of the natural recovery*” kif spjegat fir-risposta ghas-7 domanda in eskussjoni (fol. 387).

Ghalhekk id-danni li sofriet l-attrici ghandhom jigu kkalkolati kif gej:

€121.13 x 52 x 11 x 7% = €4,850.
(Lm52 x 52 x 11 x 7% = (Lm2,082.08)

Ma’ dan l-ammont ghandu jizdied l-ammont ta’ spejjez fis-somma ta’ Lm102. B’Kollox €5,087.60.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-konvenut appellant Carmelo sive Charles Gauci responsabbli ghall-incident in kwistjoni izda tirriformaha fil-parti fejn illikwidat id-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta’ €8,553 u minflok tillikwida dan l-ammont fis-somma ta’ €5,087.60 u tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lill-atturi l-ammont ta’ €5,087.60 (hamest elef u sebgha u tmenin Ewro u sittin Ewro

centezmu), bl-imghax legali mid-data tal-ewwel sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, u l-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu, kwantu ghal zewg partijiet minn ghaxra ($^{2}/_{10}$) mill-atturi appellati u r-rimanenti mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------